7 ta' Frar, 1955

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.;
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Edward sive Eddie Leone ne. *versus* Antonio Borg ne. et.

## Kontijiet — Likwidazzjoni — Dokumenti — Imputazzjoni — Art. 389 u 390 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili

*Skond il-ġurisprudenza kostanti, il-forma preskritta mill-Liġi tal-Proċedura għar-rendiment tal-kontijiet ma hix "di rigore"; basta fil-kont ma jkunx hemm diżordni tali li jirrendi impossibbli d-diskussjoni tal-kont.*

*Lanqas il-fatt li l-kont ma jkunx akkompanjat mid-dokumenti ġustifikativi ma hu ta' riljev. Anki jekk jiġi allegat li fil-kont hemm xi partiti ommessi, il-kont għandu jitqies bħala mogħti għall-finijiet tal-liġi. Salva l-impunjazzjoni tiegħu.*

*Għaldaqstant, jekk bejn tnejn minn nies kien hemm diversi operazzjonijiet kummerċjali, u wieħed minnhom, mitlub mill-ieħor, jirrendi kont ta' dawk l-operazzjonijiet, u dan il-kont, għalkemm mhux redatt proprju fil-forma preskritta mill-liġi, huwa redatt b'mod li jista' jiġi diskuss u kritikat, il-parti l-oħra li tkun trid tikkritika dak il-kont għandha teżerċita l-azzjoni ta' impunjazzjoni tal-kont, u mhux dik ta' likwidazzjoni ta' dawk*

*l-operazzjonijiet kummerċjali li kien hemm bejn dawk it-tnejn minn nies.*

*Anki kieku l-kont ma ġiex mogħti, l-azzjoni ma tista' qatt tkun dik ta' likwidazzjoni, imma dik għall-għoti tal-kont.*

Il-Qorti: — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur nomine, wara li ppremetta illi bejn l-istess Piccitto u bejn il-konvenuti saru diversi operazzjonijiet kummerċjali, fejn l-istess Piccitto kkonsenja lill-konvenuti għall-bejgħ diversi partiti ġobon, ful u merkanzija oħra, bejn is-sena 1950 u s-sena 1953; illi f'ċerti każi l-konvenuti taw rendikont ħażin lil Piccitto, fis-sens li akkreditawh b'somom iżgħar minn dawk li kienu ġew realizzati, u f'każi oħra l-likwidazzjoni għadha ma saretx, jew, jekk saret, kienet irregolari; u illi għalhekk hu jrid li ssir likwidazzjoni regolari, u li jsiru l-kontijiet kif għandu jsir, tal-flus li għandu jieħu l-istess Piccitto minn l-istess operazzjonijiet; talab li, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni meħtieġa, u wara li jiġu mogħtija l-provvedimenti li hemm bżonn, okkorrendo permezz ta' periti, issir il-likwidazzjoni regolari tar-rapporti ta' kreditu u debitu bejn il-kontendenti ta' l-istess operazzjonijiet kummerċjali, billi jiġi mnaqqas dak li l-istess Piccitto rċieva mingħand il-konvenuti nomine, u dawn jiġu kundannati jħallsuh dik is-somma li tiġi likwidata favur tiegħu bħala għadha dovuta lill-istess Piccitto. Bl-imgħax legali u bl-ispejjeż tal-ġudizzju, kompriżi dawk tal-mandat ta' sekwestru tal-11 ta' Diċembru, 1953;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-22 ta' Ġunju, 1954, li biha rrespinġiet l-istanza, bl-ispejjeż; salva, favur l-attur nomine, kull azzjoni oħra, jekk u kif skond il-liġi; wara li kkunsidrat;

Illi mid-depożizzjoni ta' l-imsemmi Guido Abela jirriżulta :—

Illi l-operazzjonijiet kummerċjali li kien hemm bejn il-kontendenti huma dawk indikati fid-dokument fil-fol. 14, 15 u 16 tal-proċess. L-attur Piccitto kien irċieva mingħand il-konvenuti r-reżokont u l-ħlas ta' dawk l-operazzjonijiet, kom-

*prizi fl-imsemmi dokument, li huma listati fid-dokument* l-ieħor fil-fol. 32 tal-proċess. Kien għadu ma rċeviex ir-reżokont riferibilment għall-operazzjonijiet l-oħra, u għalhekk kien jinsisti biex il-konvenuti jagħtulu ukoll dal-kont ta' dawk l-operazzjonijiet; u fl-aħħar il-konvenuti tawhulu, billi kkonsenjawh lill-ibnu, peress li allura huwa ma kienx hawn Malta;

Illi dan il-kont hu dak fil-fol. 11 u 12 tal-proċess, u, kif ġa ngħad, jikkomprendi dawk l-operazzjonijiet kollha illi riferibilment għalihom *l-Piccitto kien għadu ma rċeviex* minn għand il-konvenuti r-reżokont, u kien għadu ma tħallasx tagħhom:

Illi Piccitto ma approvax dak il-kont, u għalhekk ippre-para huwa stess kont ieħor ta' l-istess operazzjonijiet, li hu dak fil-fol. 13 tal-proċess, u reġa ġie Malta biex, kif qal Abela, "jillikwida sewwa l-pendenzi". Piccitto ma approvax il-kont għar-raġuni li deherlu li ma kienx ġust, billi l-konvenuti ma akkreditawħx bil-prezz intier li kellu jieħu minn għandhom *għall-kwantità kollha tal-merkanzija li kien bgħa-tilhom*; fi kliem ieħor, għaliex ippretenda li kien bagħtilhom merkanzija fi kwantità maġġuri għal dik li bil-prezz tagħha kienu akkreditawh fil-kont fuq imsemmi, skond il-krediti miftuħin favur tiegħu. F'dan il-punt jiswa li jiġi rilevat illi dan seta' ssuċċeda, dati r-restrizzjonijiet dwar il-valuta viġenti fl-Italja, billi, kif xehed l-imsemmi Abela, kull tant jiġri illi, appuntu minħabba dawk ir-restrizzjonijiet, min jesporta mer-kanzija mill-Italja jiddikjara li qiegħed jesporta ċerta kwan-*tità u jottjeni l-permess, relativament għall-prezz, għal dik* il-kwantità li jkun iddikjara, u fil-fatt jibgħat kwantità maġ-ġuri. Piccitto, riċevut il-kont fuq imsemmi, li tawh il-kon-venuti, irreklama minn għandhom appuntu dik id-differenza, li ma kienetx tiffigura fil-kont, bejn il-prezz tal-merkanzija li ppretenda li fil-fatt kien bagħat u l-prezz li kien irċieva għall-kwantità minuri dikjarata skond il-krediti miftuħin fa-vur tiegħu konformement għall-permessi ottenuti;

Illi meta Piccitto reġa' ġie Malta, wara r-riċezzjoni tal-kont *fuq imsemmi, daħal f'diskussjonijiet mal-konvenuti*; dawn tawh l-istess kont; u wasal ukoll għal transazzjoni magħhom.

billi dawn aċċettaw li jakkreditawh bis-somma ta' £500, u din it-transazzjoni ġiet ukoll miktuba u ffirmata; però ma *kellha l-ebda effett, billi waħda mill-kondizzjonijiet kienet* dik li Piccitto jipproduċi garanzija għal ċerta somma ta' flus, liema garanzija huwa ma rnexxielux isib;

Illi anki mid-depożizzjoni ta' l-Avukat Dr. Joseph Cassar Galea jirriżulta li l-konvenuti taw lil Piccitto r-reżokont, li kien ilu jitlobhom, ta' l-imsemmija operazzjonijiet l-oħra li tagħhom kienu għadhom ma tawħx reżokont, u li l-istess Piccitto meta rċieva dak il-kont, iddiskutieh magħhom;

Illi Piccitto, immela, irċieva r-rendikont ta' l-operazzjonijiet *kollha li kien għamel mal-konvenuti*, aċċetta dak il-kont fil-forma li fiha l-konvenuti tawhulu, għaliex ma għamel ebda obbjezzjoni għar-rigward, tant li ddiskutieh mal-konvenuti; u del resto, dak il-kont ġie redatt fil-forma konsweta għal reżokonti simili skond il-prattika kummerċjali; però Piccitto ma approvax dak il-kont għar-raġuni ġa fuq indikata;

Illi, ġa ladarba Piccitto ottjena mingħand il-konvenuti l-kont li kien talab għal dawk l-operazzjonijiet kollha li l-konvenuti kien fadallhom jagħtu kont tagħhom, jekk huwa deherlu li ma *kellux japprova dak il-kont, seta' skond* il-liġi jattakkah, imma ma setax jiġi 'l quddiem bl-azzjoni odjerna għall-likwidazzjoni ta' l-operazzjonijiet kollha li għamel mal-konvenuti;

Rat il-petizzjoni ta' l-attur nomine, li biha talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata u illi d-domandi attriċi jiġu akkolti; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

*Mill-provi jirriżulta li fuq insistenzi ta' Piccitto*, kostitwent ta' l-attur, il-konvenuti rrendew lil dana Piccitto l-kont, li kopja tiegħu tinsab fol. 11 u 12 tal-proċess;

Il-konvenuti nomine, għalhekk, isostnu li l-azzjoni tal-likwidazzjoni proposta mill-attur nomine hi irritwali; għax kien imissha tkun, minflok, azzjoni għall-impunjazzjoni ta' dak il-kont;

L-attur nomine jirribatti li l-kont fol. 11 u 12 ma jistax jitqies "rendikont" għas-sens tal-liġi, għax ma hemmx fih ir-

rekwiżiti kollha li tippreskrivi l-istess liġi fl-art. 389 u 390, Kap. 15 Ediz. Riv.;

Issa, anki kieku kellu jingħad, "ex hypothesi", li l-kont mhux skond il-Kodiċi Proċedurali, din l-obbjezzjoni tibqa' superata bir-rifless li, skond il-ġurisprudenza kostanti, il-forma tal-kont preskritta mid-dispożizzjonijiet fuq ċitati mhix "di rigore", basta fil-kont ma jkunx hemm diżordni tali li jirrendi d-diskussjoni impossibbli (ara Kumm. "Vella vs. Despott", 20 ta' Mejju, 1893, Kollez. XIII, 502; "Ness nomine vs. Vella ne.", Vol. XVII-III-48; "Borg Falzon vs. Bartolo", 17 ta' Frar, 1936, Vol. XXIX-III-227; u Appell "Naudi ne. vs. Agius ne.", 12 ta' Marzu, 1937);

Issa, il-kont fol. 11 u 12 ma fih xejn li jista' jingħad konfużjoni jew diżordni fir-redazzjoni tiegħu b'mod li ma jistax, għall-okkorrenza, jiġi kritikat jew impunjat;

Lanqas il-fatt li l-kont ma kienx akkompanjat mid-dokumenti ġustifikattivi ma hu ta' riljev. Ġie infatti deċiż (P.A. "Felice vs. Sammut", 29 ta' Marzu, 1894, Kollez. XIV, p. 199) li "il difettto di produzione dei documenti giustificanti l'esito non rende nullo, nè invalido, il conto; ma accorda all'altra parte il diritto di impugnare il conto e di non ammettervi le partite non giustificate";

Anki jekk, kif jallega l-attur nomine, hemm xi partiti ta' akkreditament ommessi, il-kont għandu dejjem jitqies mogħti għall-finijiet tal-liġi; salva l-impunjazzjoni (App. "Bianco vs. Zahra", 14 ta' Mejju, 1948, Vol. XXXIII-I-645);

Kont, għalhekk, kien hemm;

U ladarba kien hemm rendikont, allura l-azzjoni li jmissu eżerċita l-attur nomine, ladarba l-kont jikkontestah, kienet dik ta' imputazzjoni ta' dak il-kont, u mhux ta' likwidazzjoni (Kumm. "Borg Falzon vs. Bartolo", 17 ta' Frar, 1936, Vol. XXIX-III-227);

Anki kieku l-kont ma ġiex mogħti, l-azzjoni ma setgħet qatt tkun dik ta' likwidazzjoni, imma dik għall-għoti tal-kont (App. "Muscat vs. Savona", 7 ta' Ġunju, 1950, Vol. XXXIV-I-375);

Issa li l-kont ġie mogħti, l-attur nomine kien fid-dmir li josserva d-dispożizzjonijiet proċedurali dwar ir-rendikont,

ċjoè jimpunjah; appuntu għax dawn ir-regoli huma ntiżi biex jevitaw possibilment il-proċeduri dispendjużi ta' likwidazzjoni (App. "Zammit vs. Dalli", 11 ta' Frar, 1920, Kollez. XXIV-I-322);

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi;

Billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-attur nomine.

---